MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-5 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 2144/2004

**Joseph Celeste ghan-nom u fl-interess tad-ditta "Celeste Video Rentals"**

**vs**

**Duncan Buttigieg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Novembru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600) bilanc ta' somma akbar rapprezentanti prezz ta' colour television, mejda, zewg dvds u mobile telephone mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri nterpellatorji tat-23 ta' Jannar, 2004 u tal-11 ta' Settembru, 2004, tal-mandat ta' qbid prezentat kontestwalment, u bl-**

**imghax legali mill-ewwel ittra nterpellatorja kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-attur noe fil-15 ta' Dicembru, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur fil-kwalita' tieghu premessa s-somma ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600.00) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mill-15 ta' Novembru, 2004.**

L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk tal-ittri nterpellatorji tat-23 ta' Jannar, 2004 u tal-11 ta' Settembru, 2004, u tal-mandat ta' qbid prezentat kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------